DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2243

tal-15 ta' Diċembru 2021

li tistabbilixxi regoli interni li jikkonċernaw l-għoti ta' informazzjoni lil suġġetti tad-*data* u r-restrizzjoni ta' whud mid-drittijiet tagħhom fil-kuntest tal-ipproċessar ta' *data* personali għall-finijiet tas-sigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 249(1) tiegħu,

Billi:

(1) Filwaqt li twettaq il-kompiti tagħha, il-Kummissjoni hija obbligata tirrispetta d-drittijiet ta' persuni fiżiċi b'rabta mal-ipproċessar ta' *data* personali rikonoxxuta mill-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mill-Artikolu 16(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Hija jeħtiġilha wkoll tirrispetta d-drittijiet previsti fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Fl-istess ħin, il-Kummissjoni trid tittratta l-inċidenti tas-sigurtà tal-IT f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 ([2]).

(2) Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-IT, jiġifieri l-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni u s-settijiet ta' *data* li jipproċessaw, fir-rigward ta' persuni, assi u informazzjoni, il-Kummissjoni, b'mod partikolari permezz tad-Direttorat Ġenerali għall-Informatika tagħha, ħadet miżuri kif previst fid-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 u fid-Deċiżjoni C(2017) 8841 final ([3]). Dawk il-miżuri jinkludu l-monitoraġġ tar-riskji għas-sigurtà tal-IT u l-miżuri ta' sigurtà tal-IT implimentati, it-talba lis-sidien tas-sistema biex jieħdu miżuri ta' sigurtà tal-IT speċifiċi sabiex jittaffew ir-riskji għas-sigurtà tal-IT għas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-Kummissjoni, u l-ġestjoni ta' inċidenti ta' sigurtà tal-IT.

(3) Id-Direttorat Ġenerali għall-Informatika jipprovdi operazzjonijiet u servizzi tas-sigurtà tal-IT lill-Kummissjoni u jkun jeħtieġ jipproċessa bosta kategoriji ta' *data* personali sabiex:

— jikkomunika allerti u twissijiet relatati ma' avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT;

— jirreaġixxi għal avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT u jrażżanhom;

— jiffaċilita l-għodod u l-operazzjonijiet permezz ta' awditi tas-sigurtà, valutazzjonijiet tas-sigurtà u ġestjoni tal-vulnerabbiltà;

— iżid is-sensibilizzazzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà;

— jimmonitorja, jindividwa u jipprevjeni l-okkorrenza ta' avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT;

— jirrevedi l-kontijiet tal-utenti privileġġati.

(4) Inċidenti ta' sigurtà tal-IT li jistgħu jimminaw is-sigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Kummissjoni jistgħu jseħħu fi kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar imwettqa mill-Kummissjoni. Dawn jistgħu jinvolvu kwalunkwe kategorija ta' *data* personali pproċessata mill-Kummissjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (C(2017) 8841) tat-13 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-Artikoli 3, 5, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 14, 15 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

(5) F'ċerti ċirkostanzi, jaf ikun hemm bżonn li jiġu rrikonċiljati d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 mal-ħtieġa li l-Kummissjoni twettaq b'mod effettiv il-kompiti tagħha li tiżgura s-sigurtà tal-IT tal-persuni, l-assi u l-informazzjoni fil-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46, u b'rispett sħiħ tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' suġġetti tad-*data* oħrajn. F'dan is-sens, l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 jawtorizza lill-Kummissjoni tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-Artikoli 14 sa 17, 19, 20 u 35 ta' dak ir-Regolament, u l-prinċipju ta' trasparenza stabbilit fl-Artikolu 4(1)(a) tiegħu, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu mad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 14 sa 17, 19 u 20 ta' dak ir-Regolament.

(6) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika għall-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar imwettqa mill-Kummissjoni bħala kontrollur tad-*data* fit-twettiq tal-kompiti tagħha biex tiżgura s-sigurtà tal-IT tal-persuni, l-assi u l-informazzjoni fil-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46. Għalhekk, jenħtieġ li jikkonċerna lis-suġġetti tad-*data* tal-kategoriji ta' *data* personali koperti minn dawk l-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha, jiġifieri individwi li jinteraġixxu ma' kwalunkwe sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni tal-Kummissjoni.

(7) Id-*data* personali tiġi maħżuna f'ambjent elettroniku sikur biex ikun evitat aċċess illegali minn persuni minn barra l-Kummissjoni. Japplikaw perjodi differenti ta' żamma tad-*data* għal operazzjonijiet ta' pproċessar differenti, skont it-tip ta' *data* personali involuta. Iż-żamma tal-fajls fil-Kummissjoni hija rregolata mil-Lista Komuni ta' Żamma fil-Livell tal-Kummissjoni (SEC(2019) 900), dokument regolatorju fil-forma ta' skeda ta' żamma li tistabbilixxi l-perjodi taż-żamma għal tipi differenti ta' fajls tal-Kummissjoni biex tillimita ż-żamma tad-*data* għal dak li jkun meħtieġ.

(8) Il-Kummissjoni jista' jkollha tirrestrinġi l-applikazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* sabiex tissalvagwardja s-sigurtà interna tagħha skont l-Artikolu 25(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (jiġifieri biex tippreserva l-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tagħha u s-settijiet tad-*data* li jipproċessaw, l-assi u l-informazzjoni tagħha). B'mod partikolari, il-Kummissjoni jista' jkollha tagħmel hekk meta:

— tikkomunika allerti u twissijiet relatati ma' avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT;

— tirreaġixxi għal avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT u trażżanhom; tiffaċilita l-għodod u l-operazzjonijiet permezz ta' awditi tas-sigurtà, valutazzjonijiet tas-sigurtà u ġestjoni tal-vulnerabbiltà;

— iżżid is-sensibilizzazzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà;

— timmonitorja, tindividwa u tipprevjeni l-okkorrenza ta' avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT;

— tirrevedi l-kontijiet tal-utenti privileġġati.

(9) Għall-fini tal-indirizzar tal-inċidenti tas-sigurtà tal-IT, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46, id-Direttorat Ġenerali għall-Informatika jista' jiskambja informazzjoni mal-Iskwadra ta' Reazzjoni għall-Attakki Ċibernetiċi tad-Direttorat Ġenerali responsabbli għar-Riżorsi Umani u s-Sigurtà.

(10) Biex tikkonforma mal-Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-individwi kollha bl-attivitajiet li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom u li jaffettwaw id-drittijiet tagħhom. Jenħtieġ li dan tagħmlu b'mod trasparenti u koerenti billi tippubblika avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* fis-sit web tal-Kummissjoni. Meta jkun rilevanti, jenħtieġ li tapplika salvagwardji addizzjonali biex tinforma lis-suġġetti tad-*data* individwalment f'format xieraq.

(11) Il-konformità mal-Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725, tista' tiżvela l-eżistenza ta' miżuri ta' sigurtà tal-IT, vulnerabbiltajiet jew inċidenti meħuda skont l-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46. L-iżvelar ta' dawk il-miżuri, vulnerabbiltajiet u inċidenti tas-sigurtà tal-IT iżid ir-riskju li l-miżura tas-sigurtà tal-IT esposta mbagħad tiġi evitata, li l-vulnerabbiltà esposta mbagħad tiġi abbużata, u li analiżi kontinwa tal-inċidenti tas-sigurtà tal-IT tista' tiġi mminata minħabba li l-artefatti jistgħu jkunu ġew immanipulati aċċidentalment jew intenzjonalment minn utent jew attur malizzjuż. Dan jista' jfixkel serjament il-kapaċità tal-Kummissjoni li tiżgura s-sigurtà tal-IT tagħha u b'mod partikolari li tittratta l-inċidenti tas-sigurtà tal-IT b'mod effettiv fil-futur.

(12) Skont l-Artikolu 25(1)(h) tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-Kummissjoni hija awtorizzata wkoll tirrestrinġi l-applikazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet ta' individwi oħrajn relatati ma' inċidenti mas-sigurtà tal-IT li jistgħu jimminaw l-operazzjonijiet tas-sigurtà tal-IT.

(13) Il-Kummissjoni jista' wkoll ikollha tirrestrinġi l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* u l-applikazzjoni ta' drittijiet oħrajn tas-suġġetti tad-*data* fir-rigward ta' *data* personali rċevuta minn pajjiżi mhux tal-UE jew organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex tissodisfa d-dmir ta' kooperazzjoni ma' dawk il-pajjiżi jew organizzazzjonijiet. Dan huwa parti mid-dmir tal-Kummissjoni li tissalvagwardja objettiv importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 25(1)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1725. Madankollu, f'ċerti ċirkustanzi l-interess tad-drittijiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* jista' jegħleb l-interess tal-kooperazzjoni internazzjonali.

(14) Għalhekk, il-Kummissjoni identifikat ir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 25(1)(c), (d) u (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725 bħala raġunijiet għar-restrizzjonijiet li jistgħu jkunu meħtieġa biex japplikaw għall-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* mwettqa mid-Direttorat Ġenerali għall-Informatika relatati mal-forniment ta' operazzjonijiet u servizzi tas-sigurtà tal-IT lill-Kummissjoni.

(15) Jenħtieġ li kull restrizzjoni li ssir skont din id-Deċiżjoni tkun meħtieġa u proporzjonata u tkun tqis ir-riskji li jkun hemm għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*.

(16) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tittratta r-restrizzjonijiet kollha b'mod trasparenti u tirreġistra kull applikazzjoni tar-restrizzjonijiet fis-sistema ta' reġistrazzjoni korrispondenti.

(17) Skont l-Artikolu 25(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725, il-kontrolluri tad-*data* jistgħu jiddifferixxu, iħallu barra jew jiċħdu l-għoti ta' informazzjoni bbażat fuq ir-raġunijiet għall-applikazzjoni ta' restrizzjoni għas-suġġett tad-*data* jekk l-għoti ta' dik l-informazzjoni tista' bi kwalunkwe mod timmina l-effett tar-restrizzjoni. B'mod partikolari, dan japplika għar-restrizzjonijiet tal-obbligi previsti fl-Artikoli 16 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrevedi b'mod regolari r-restrizzjonijiet imposti sabiex tiżgura li d-dritt tas-suġġett tad-*data* li jiġi infurmat f'konformità mal-Artikoli 16 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jiġi ristrett biss sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ikunu meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tiżgura s-sigurtà tal-IT tagħha u b'mod partikolari biex tittratta inċidenti tas-sigurtà tal-IT.

(18) Meta l-Kummissjoni tirrestrinġi l-applikazzjoni tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* għajr dawk imsemmijin fl-Artikoli 16 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li l-kontrollur tad-*data* jivvaluta fuq bażi ta' każ b'każ jekk il-komunikazzjoni tar-restrizzjoni timminax l-għan tagħha.

(19) Jenħtieġ li l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni jwettaq rieżami indipendenti tal-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet bl-għan li jiżgura l-konformità ma' din id-Deċiżjoni.

(20) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tirrestrinġi immedjatament l-applikazzjoni ta' ċerti drittijiet u obbligi f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(21) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ħareġ opinjoni fis-16 ta' Settembru 2021,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli li tridu issegwi l-Kummissjoni biex tinforma lis-suġġetti tad-*data* bl-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom f'konformità mal-Artikoli 14, 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725, meta twettaq il-kompiti tagħha skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46.

Hija tistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet li bihom il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi l-applikazzjoni tal-Artikoli 4, 14 sa 17, 19, 20 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725, f'konformità mal-Artikolu 25(1)(c), (d) u (h) ta' dak ir-Regolament, meta twettaq il-kompiti tagħha skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46.

2. Din id-Deċiżjoni tapplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-Kummissjoni jew f'isimha għall-fini ta' jew b'relazzjoni mal-attivitajiet imwettqin biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-IT tal-persuni, tal-assi u tal-informazzjoni fil-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46.

Artikolu 2

Eċċezzjonijiet u restrizzjonijiet applikabbli

1. Meta l-Kummissjoni teżerċita d-dmirijiet tagħha fir-rigward tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, hija għandha tqis jekk tapplikax xi waħda mill-eċċezzjonijiet stipulati f'dak ir-Regolament.

2. Soġġett għall-Artikoli 3 sa 7 ta' din id-Deċiżjoni, meta l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 14 sa 17, 19, 20 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward ta' *data* personali pproċessata mill-Kummissjoni jkun jimmina l-fini tal-provvediment ta' operazzjonijiet u servizzi tas-sigurtà tal-IT, fost l-oħrajn billi jiżvela l-għodod investigattivi, il-vulnerabbiltajiet u l-metodi tal-Kummissjoni, jew ikun jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet u l-libertajiet u s-sigurtà ta' suġġetti tad-*data* oħrajn, b'mod partikolari għall-ipproċessar ta' *data* personali sabiex:

— jikkomunika allerti u twissijiet relatati ma' avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT;

— jirreaġixxi għal avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT u jrażżanhom;

— jiffaċilita l-għodod u l-operazzjonijiet permezz ta' awditi tas-sigurtà, valutazzjonijiet tas-sigurtà u ġestjoni tal-vulnerabbiltà;

— iżid is-sensibilizzazzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà;

— jimmonitorja, jindividwa u jipprevjeni l-okkorrenza ta' avvenimenti u inċidenti tas-sigurtà tal-IT;

— jirrevedi l-kontijiet tal-utenti privileġġati,

il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi l-applikazzjoni:

(a) tal-Artikoli 14 sa 17, 19, 20 u 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725;

(b) tal-prinċipju ta' trasparenza stabbilit fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu għad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 14 sa 17, 19 u 20 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Il-Kummissjoni dan tista' tagħmlu f'konformità mal-Artikolu 25(1)(c), (d) u (h) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

3. Suġġett għall-Artikoli 3 sa 7, il-Kummissjoni tista' tirrestrinġi d-drittijiet u l-obbligi msemmijin fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) meta l-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet u obbligi b'rabta mad-*data* personali li tkun inkisbet mingħand istituzzjoni, korp, aġenzija jew uffiċċju ieħor tal-Unjoni jista' jkun ristrett minn dik l-istituzzjoni, korp, aġenzija jew uffiċċju ieħor tal-Unjoni abbażi tal-atti legali li jissemmew fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725 jew skont il-Kapitolu IX ta' dak ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([5]);

(b) meta l-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet u obbligi b'rabta mad-*data* personali li tkun inkisbet mingħand awtorità kompetenti ta' Stat Membru jista' jkun ristrett mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru abbażi tal-miżuri leġiżlattivi li jissemmew fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), jew skont il-miżuri nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 13(3), l-Artikolu 15(3) jew l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

([5]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([7]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

(c) meta l-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet u obbligi jkun jimmina l-kooperazzjoni tal-Kummissjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali dwar theddid komuni għaċ-ċibersigurtà.

Qabel ma tapplika r-restrizzjonijiet fiċ-ċirkostanzi msemmijin fl-ewwel subparagrafu, (a) u (b), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji, l-uffiċċji tal-UE jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti dwar ir-raġunijiet potenzjali għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet u n-neċessità u l-proporzjonalità tar-restrizzjonijiet ikkonċernati, sakemm dan ma jimminax l-attivitajiet tal-Kummissjoni u sakemm ma jkunx ċar għall-Kummissjoni li l-applikazzjoni ta' restrizzjoni tkun prevista minn wieħed mill-atti msemmijin f'dawk il-punti jew li dik il-konsultazzjoni timmina l-fini tal-attivitajiet tagħha skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46.

L-ewwel subparagrafu, (c), ma għandux japplika meta l-interessi jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-*data* jegħlbu l-interess tal-Kummissjoni li tikkoopera ma' pajjiżi mhux tal-UE jew organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' Deċiżjonijiet oħrajn tal-Kummissjoni li jistabbilixxu regoli interni dwar l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data* u r-restrizzjoni ta' ċerti drittijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

5. Kull restrizzjoni tad-drittijiet u l-obbligi, imsemmijin fil-paragrafu 2, għandha tkun meħtieġa u proporzjonata għar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*.

6. Għandu jitwettaq test tan-neċessità u l-proporzjonalità fuq bażi ta' każ b'każ qabel ma jiġu applikati r-restrizzjonijiet u r-restrizzjonijiet għandhom ikunu limitati għal dak li jkun strettament meħtieġ biex jintlaħaq l-għan maħsub.

Artikolu 3

Għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data*

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* li jinforma lis-suġġetti tad-*data* kollha bl-attivitajiet tagħha li jinvolvu l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom bl-għan li twettaq il-kompiti tagħha skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46, inkluża deskrizzjoni tal-kategoriji ta' *data* personali involuti. Meta jkun possibbli li jsir hekk mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà tal-IT, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-suġġetti tad-*data* jkunu infurmati individwalment f'format xieraq.

2. Meta l-Kummissjoni tirrestrinġi, totalment jew parzjalment, l-għoti ta' informazzjoni lis-suġġetti tad-*data*, li tipproċessa d-*data* personali tagħhom għall-fini li twettaq il-kompiti tagħha skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46, hija għandha tniżżel u tirreġistra r-raġunijiet għar-restrizzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Dritt tal-aċċess tas-suġġett tad-data, dritt għat-tħassir u dritt għar-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-*data*

1. Meta l-Kummissjoni tirrestrinġi, totalment jew parzjalment, id-dritt tal-aċċess tas-suġġetti tad-*data* għad-*data* personali, id-dritt għat-tħassir jew id-dritt għar-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-*data*, kif imsemmi fl-Artikoli 17, 19 u 20 tar-Regolament (UE) 2018/1725, hija għandha tgħarraf lis-suġġett tad-*data* kkonċernat, fit-tweġiba tagħha għat-talba għall-aċċess, għat-tħassir jew għar-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-*data*:

(a) bir-restrizzjoni applikata u bir-raġunijiet ewlenin għaliha;

(b) b'kif iressaq ilment lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jew kif jitlob rimedju ġudizzjarju fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddifferixxi, tometti jew tiċħad l-għoti ta' informazzjoni dwar ir-raġunijiet għar-restrizzjoni msemmijin fil-paragrafu 1 sakemm dan jibqa' jimmina l-fini tar-restrizzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tniżżel u tirreġistra r-raġunijiet għar-restrizzjoni f'konformità mal-Artikolu 6.

4. Meta d-dritt ta' aċċess ikun totalment jew parzjalment ristrett, is-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess tagħhom billi jikkuntattjaw lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, f'konformità mal-Artikolu 25(6), (7) u (8) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Artikolu 5

Komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali tas-suġġetti tad-data

Meta l-Kummissjoni tirrestrinġi l-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lis-suġġett tad-*data*, kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1725, hija għandha tniżżel u tirreġistra r-raġunijiet għar-restrizzjoni f'konformità mal-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-reġistrazzjoni lill-KEPD fil-mument tan-notifika tal-ksur tad-*data* personali.

Artikolu 6

It-tniżżil u r-reġistrazzjoni ta' restrizzjonijiet

1. Il-Kummissjoni għandha tniżżel ir-raġunijiet għal kwalunkwe restrizzjoni applikata skont din id-Deċiżjoni, inkluża referenza għal-bażi(jiet) legali applikati għar-restrizzjoni u valutazzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tar-restrizzjoni, filwaqt li tqis l-elementi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tindika kif l-eżerċitar ta' dritt mis-suġġett tad-*data* jimmina l-fini ta' provvediment ta' operazzjonijiet u servizzi tas-sigurtà tal-IT lill-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46, jew tar-restrizzjonijiet applikati skont l-Artikolu 2(2) jew (3) ta' din id-Deċiżjoni, jew kif jaffettwa negattivament id-drittijiet u l-libertajiet ta' suġġetti tad-*data* oħrajn.

3. Il-Kummissjoni għandha żżomm dawn ir-reġistrazzjonijiet u kull dokument li jkun fih elementi fattwali u legali sottostanti. Dawn għandhom ikunu disponibbli għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* meta jitlobhom.

Artikolu 7

Tul ta' żmien tar-restrizzjonijiet

1. Ir-restrizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 għandhom ikomplu japplikaw sakemm jibqgħu validi r-raġunijiet għalihom.

2. Meta r-raġunijiet għal restrizzjoni msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 ma jibqgħux validi, il-Kummissjoni għandha:

(a) tneħħi r-restrizzjoni;

(b) tinforma lis-suġġett tad-*data* bir-raġunijiet prinċipali għar-restrizzjoni;

(c) tinforma lis-suġġett tad-*data* kif jista' jressaq ilment mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* fi kwalunkwe ħin jew li jitlob rimedju ġudizzjarju fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 8

Salvagwardji u perjodi ta' żamma

1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 sitt xhur wara l-adozzjoni tagħhom u fl-għeluq tal-operazzjoni tas-sigurtà tal-IT individwali. Minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u timmonitorja l-ħtieġa li tinżamm kwalunkwe restrizzjoni fuq bażi annwali.

Ir-rieżami għandu jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa u l-proporzjonalità tar-restrizzjoni, filwaqt li tqis l-elementi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725.

2. Il-Kummissjoni adottat miżuri tekniċi u organizzattivi biex tevita kwalunkwe qerda aċċidentali jew illegali, telf, alterazzjoni, żvelar mhux awtorizzat ta', jew aċċess għal, *data* personali trażmessa, miżmuma jew ipproċessata b'xi mod ieħor bħall-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess, il-politika ta' riżerva u kwalunkwe miżura oħra f'konformità mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2017/46.

3. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra l-perjodi ta' żamma applikabbli f'konformità mal-Lista Komuni ta' Żamma fil-Livell tal-Kummissjoni u għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tas-suġġetti tad-*data* l-perjodi ta' żamma rilevanti għal dawn l-attivitajiet ta' pproċessar fl-avviż tagħha dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Artikolu 9

Rieżami mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni

1. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni għandu jiġi infurmat, mingħajr dewmien żejjed, kull meta d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jiġu ristretti f'konformità ma' din id-Deċiżjoni. Meta jitlob li jsir hekk, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* għandu jingħata aċċess għar-reġistrazzjoni u għal kwalunkwe dokument li jkun fih elementi fattwali u legali sottostanti.

2. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* jista' jitlob rieżami tar-restrizzjonijiet u għandu jiġi infurmat bl-eżitu tar-rieżami mitlub.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddokumenta l-involviment tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* kull meta d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* jiġu ristretti f'konformità ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN